# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 74

15 ta' Frar 2024

L-erbgħa u sebgħin (74) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Ħamis 15 ta' Frar 2024 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 74.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

74.1.1. Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

### 74.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

74.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tat-tlieta u sebgħin (73) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

74.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (AD, SSH, VB, JAE, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: 17:07 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**

74.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 73.2.4 u staqsa jekk kienx hemm risposta dwar il-fanali ornamentali u l-kundizzjoni li jinsabu fiha. Il-Viċi Sindku AD qal li dawn kienu instabu u għalkemm għandhom bżonn tindifa, jinsabu merfugħin f'maħżen tal-Enemalta.

**Nota: 17:08 Il-Kunsilliera SSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.**

74.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 73.2.5 rigward l-immaniġġjar tat-traffiku f'Balzunetta u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li ma kienx hemm risposta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

74.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 73.2.7 rigward ir-rifletturi tad-dawl bejn il-Grand Hotel Excelsior u l-Phoenicia Hotel.

74.2.5.1. Il-Viċi Sindku AD għamel riferenza għad-dawl li hemm u qal li kien ikkonferma li dawn ma kienux ġew installati mill-Enemalta però dawn jistgħu jingħataw provvista tal-elettriku jekk ikun hemm qbil fuq min se jassorbi l-kont.

74.2.5.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward ir-rifletturi ta' mal-art. Is-SE qal li kien ressaq it-talba iżda għad ma kienx hemm risposta.

74.2.5.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-kuntrattur tad-dawl tal-Kunsill sabiex jiġi jara jekk hemmx provvista tad-dawl u x'jista' jsir.

74.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 73.2.8 rigward it-tabelli tal-*iscooters* fi Ġnien il-Mall u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad ma kienx hemm risposta minn Ambjent Malta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

74.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 73.2.9 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-marki li hemm mas-siġar tal-Masġar tal-Ġublew. Is-SE qal li sa dakinhar ma kellux informazzjoni fuq x'inhuma u min għamilhom. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

74.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 73.2.10 rigward il-Wifi taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Is-SE spjega li l-kuntrattur kien bagħatlu rapport sħiħ taż-żoni kollha fejn hemm il-Wifi4Eu u l-Kunsill għandu jiċċekkja mal-entitajiet jekk il-konnessjonijiet kienux attivi u jekk hux joperaw.

74.2.9. Is-Sindku għamel riferenza għall-internet tal-Każin tal-Banda. Is-SE spjega s-sitwazzjoni u kkonferma li issa finalment il-konnessjoni kienet ġiet attivata u qegħda taħdem.

74.2.10. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 73.2.5 u staqsa jekk kienx hemm xi risposta dwar il-Fosos. Il-SE qal li l-Ministru tal-Artijiet kien staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali li ikkonferma li l-Fosos ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà ta' dan il-ministeru. Is-SE qal li kienet ġiet mitluba laqgħa mal-Ministru Zrinzo Azzopardi iżda sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

74.2.10.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm tweġiba mill-Avukat tal-Kunsill dwar il-linji gwida li l-Kunsill kien ħoloq għall-Fosos. Is-SE qal li meta tkellem mal-Avukat tal-Kunsill, huwa kien informah li legalment il-Kunsill jista' jagħmel kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-permessi in ġenerali biss madankollu irid isir l-infurzar tal-istess kundizzjonijiet.

74.2.10.2. Fir-rigward tal-vetturi fuq il-Fosos, is-SE qal li kien bagħat kemm lis-surġent kif ukoll lil-LESA.

74.2.10.3. Is-SE għamel riferenza għar-risposti li ngħataw mill-Ministri u qal li jekk il-Fosos mhu devolut lil ħadd, mela allura dan għandu jitqies bħall-pjazez l-oħra li jinsabu fil-lokalità.

74.2.10.4. Il-Kunsillier JAE staqsa però min ser ikun responsabbli li ma ssirx ħsara. Huwa kompla billi qal li hu ma jridx li ssir manutenzjoni biss iżda li jkun hemm ħarsien għax il-Fosos tkisser maż-żmien minħabba nuqqas t'attenzjoni u ħarsien.

71.2.3.4.1 Is-Sindku qal li għall-kuntarju ta' monumenti nazzjonali oħra, il-Fosos hu monument li tista' tgħaddi minn fuqu u għalhekk bilfors ser jittiekel u ssirlu ħsara.

71.2.3.4.1 Il-Kunsillier JAE qal li dik hija inevitabbli imma huwa għalhekk li jrid isir ħarsien u jinbidel il-mod u l-kundizzjonijiet ta' kif isiru l-attivitajiet.

71.2.3.4.1 Il-Kunsillier SSH qalet li kienet informata li l-Ministru Bonnici kien qed jaħdem fuq din il-materja u għandu jressaq xi proposti, biss dan jieħu l-ħin.

74.2.10.5. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira sabiex issir laqgħa mal-Ministru tad-Dipartiment tal-Artijiet.

74.2.10.6. Is-SE qal li kien ġie mitlub jibgħat kopja tal-kundizzjonijiet tal-Kunsill kif ukoll tal-Pulizija.

74.2.10.7. Is-Sindku esiġa fuq l-importanza tal-infurzar biex il-kundizzjonijiet ikunu segwiti.

74.2.11. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materji nru 73.4.2 u 73.9.2 u qal li ż-żamma ta' taħt il-loġoġ minn wara l-Karnival tat-Tlieta ma kinitx kif suppost. Huwa qal li kien hemm vetturi li telgħu fuq il-Fosos u l-awtoritajiet kienu limitati fl-għajnuna li taw lill-Kunsill. Huwa staqsa x'se tkun il-pożizzjoni tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

74.2.11.1. Kien hemm diskussjoni twila dwar l-indafa ta' taħt il-loġoġ fejn il-kunsillieri kollha taw l-opinjoni tagħhom f'dan ir-rigward.

**Nota: 18:05 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**
**18:07 Il-Kunsilliera SSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.**

74.2.11.2. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-entità kompetenti għall-bżonn t'aktar tindif.

**Nota: 18:25 Il-Kunsill qabel li jissospendi l-laqgħa.**
**18:43 Il-laqgħa tkompliet.**
**18:43 Il-Kunsill qabel li għandu jiddiskuti l-materja nru 74.7 u 74.8.**

## 74.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tar-4 Kwart tas-Sena 2023

74.7.1 Is-Sindku fetaħ il-materja billi ppreżenta r-rapport finanzjarju tar-raba' kwart tas-sena 2023.

74.7.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju tar-raba' kwart bir-riżultat ikun wieħed favur b'mod unanimu.

## 74.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-BUDGET 2024

74.8.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi ppreżenta l-baġit għas-sena 2024.

74.8.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-baġit bir-riżultat ikun wieħed favur b'mod unanimu.

## 74.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

74.3.1. Is-Sindku ressaq ir-rapport tal-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti taż-żamma tal-ġonna u soft areas. Is-SE spjega kif il-kuntratt tal-ġonna u tas-soft areas ġew magħquda f'kuntratt wieħed sabiex ikunu taħt l-istess kuntrattur u jkun hemm koordinazzjoni aħjar. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jmur għall-irħas offerta li tissodisfa l-kriterji kollha.

74.3.1.1. Is-Sindku qal li kienu inġiebu xi pjanti fejn uħud minnhom kienu diġà nżraw madwar il-lokalità. Huwa qal li l-kumplament għandhom jingħataw lill-Arċipriet sabiex jitpoġġew fuq iz-zuntier.

74.3.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Epic Communications li talbu permess sabiex isir arblu fuq il-bankina ta' Ġnien il-Mall. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel fil-prinċipju u qabel li jintalbu iktar dettalji.

74.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-President Emeritu Marie-Louise Coleiro Preca li pproponiet li l-Kunsill li b'mod konġunt jagħmel it-tnedija tal-ktieb ta' Profs. Oliver Friggieri magħhom. Il-Kunsill qabel u qabel li għandu jikkuntattjaha sabiex jiġu konfermati d-dettalji.

74.3.4. Is-Sindku għamel riferenza għas-serata mużika-letterarja li ser tiġi organizzata mill-Kunsill. Is-SE ta rendikont ta' x'kien ser isir fosthom qari ta' siltiet tal-Profs. Oliver Friggieri, taħdita mil-Profs. Mangion u daqq ta' siltiet tal-mużiċist Sammy Murgo. Il-Kunsill innota dan.

74.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Konsulat tar-Repubblika tal-Filippini fejn talbu permess jarmaw bejn it-8 u d-9 ta' Ġunju fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V biex jikkommemoraw l-okkażjoni tal-126 sena mill-Indipendenza tal-Filippini. Huma qalu li lesti li jaċċettaw li ma jkunx hemm bejgħ ta' xorb komuni sabiex ma jtellfux lil tal-gabbana kif ukoll li ma jingħalaqx il-ġnien. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

74.3.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn talab permess għall-użu taż-żona tal-Biskuttin sabiex jinżammu l-

attivitajiet tal-Malta Fashion Week. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel mal-ewwel parti iżda mhux mat-tieni parti. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jiltaqa' mad-Direttur Ġenerali u ma' rappreżentant tal-Ministeru.

74.3.7. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Gazzetta il-Furjana li offrew lill-Kunsill sabiex jippubblika ktieb b'mod konġunt magħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob iktar informazzjoni inkluż l-ispiża li ser ikun qed jassorbi l-Kunsill.

74.3.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand is-Soċjetà Filarmonika Banda Vilhena li offrew lill-Kunsill biex b'mod konġunt jinħarġu marċi fuq forma ta' CD kif ukoll Credit card USB, bl-ispiża tammonta għal €350. Il-Kunsill qabel.

74.3.9. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand is-Soċjetà Filarmonika Banda Vilhena li talbu konferma tas-servizz tal-banda dakinhar tal-Floriana Day, li jammonta għal €1600. Huma pproponew ukoll li l-Kunsill jirriklama fuq il-ktieb tal-festa, tali somma tammonta għal €250. Il-Kunsill approva ż-żewġ offerti.

74.3.10. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand is-Soċjetà Filarmonika Banda Vilhena li talbu konferma tas-servizz tal-banda dakinhar ta' Jum il-Fondazzjoni tal-Floriana, li jammonta għal €1600. Il-Kunsill approva.

## 74.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

74.4.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm risposta rigward il-kameras ta' Bieb il-Bombi. Is-SE nforma li ma kienx hemm risposta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

74.4.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill jistax jinstalla planters ħdejn il-Knisja n-naħa tal-istatwa ta' San Publju. Il-Kunsilliera SSH pproponiet li l-planters-il ġodda jsiru bħall-planters l-oħrajn. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-kuntrattur dwar dan.

74.4.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk jistax jerġa' jsir eżerċizzju ieħor għall-qabda tal-ħamiem. Is-SE qal li l-proċedura kienet saret waħda diffiċli. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jivverifika mal-awtoritajiet sabiex jara x'jista' jsir.

74.4.4. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm raġuni għall-ġabra ta-iskart li kienet saret tard. Is-SE qal li kien ċempel lill-kuntrattur u kien informat li kien inbidel ix-xufier u kien għadu qed jidra r-rotta. Huwa qal li meta kkuntattja lill-kuntrattur dwar dan, kien ġie jiġbor filgħaxija u għalhekk ma tħallix skart barra.

74.4.5. Is-Sindku VB qal li jinsab infurmat li kien ser isir xi xogħol fi Ġnien il-Mall biex l-ilma jiġi skulat aħjar. Il-Kunsill innota dan.

74.4.6. Il-Kunsilliera JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-kameras tas-sigurtà. Is-SE qal li dawn ġew installati fi tliet postijiet u ser ikunu aċċessibbli mil-LESA biex b'hekk minn jinqabad jabbuża ikun jista' jiġi mħarrek. Is-SE spjega l-proċedura ta' kif jinħarġu l-kontravenzjonijiet skont il-każ. Huwa kompla billi qal li jridu jsiru t-tabelli li jindikaw li

hemm kameras. Is-SE għalaq billi qal li l-Kunsill kien ser ikun qed japplika għal aktar kameras taħt l-iskema tal-LESA 2024/2026.

74.4.7. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienux twaħħlu t-tabelli tal-annimali. Is-SE qal li dawn għandhom jitwaħħlu fil-jiem li ġejjin.

74.4.8. Il-Kunsilliera JP qalet li ħdejn id-Dar tal-Anzjani kien hemm tabella mgħawwġa li ma kienitx qed tidher sew u b'konsegwenza x-xufiera qed iduru l' isfel. Is-SE talab li jintbagħat ritratt tat-tabella sabiex ikun jista' jinforma lill-ħaddiema tal-manutenzjoni u jara x'l-aħjar li jsir.

74.4.9. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk jistgħux isiru tabelli tal-qniefed ħdejn il-Housing Estate. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 74.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI

74.5.1. Ma kienx hemm rapporti ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 74.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

74.6.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 57/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

74.6.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 74.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU TAR-4 KWART TAS-SENA 2023

74.7.1. Din il-materja ġiet diskussa preċedentement wara materja 74.2.

## 74.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-BUDGET 2024

74.8.1. Din il-materja ġiet diskussa preċedentement wara materja 74.2.

## 74.9 Day Centre għall-Anzjani

74.9.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li ċ-ċentru għall-anzjani issa kien miftuħ u għalhekk jista' jibda jintuża mill-anzjani tal-lokalità. Huwa issuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat leaflet lir-residenti sabiex ikunu nfurmati b'dan u bil-faċilitajiet li joffri dan iċ-ċentru.

74.9.2. Huwa kompla billi nforma li s-Segretarju Parlamentari offriet li tagħti whiteboard interattiv lill-Kunsill sabiex jitpoġġa u jkun jista' jintuża fiċ-ċentru.

74.9.3. Is-Sindku għamel riferenza għall-inawgurazzjoni taċ-ċentru u qal li kien hemm attendenza tajba.

74.9.4. Is-SE nforma lill-Kunsill li kien hemm bżonn li ssir talba għall-aġġustament tal-fondi tan-Norwegian Grants sabiex ikunu jistgħu jiġu massimizzati u użati kollha għal dan il-għan. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jressaq it-talba.

74.9.5. Huwa nforma li ser ikun hemm differenza żgħira li ser ikollha tiġi assorbita mil-Kunsill u dan minħabba żieda fir-rati minn dak previst għal dak attwali.

**Nota: 20:00 Il-Kunsill approva li jestendi l-laqgħa b'nofsiegħa.**

## 74.10 Attivitajiet St Patrick's

74.10.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li l-ġurnata ta' wara kienet ser tinżamm laqgħa mal-organizzaturi u mal-Pulizija fl-Għassa tal-Belt Valletta sabiex jiġu diskussi dawn l-attivitajiet.

74.10.2. Is-Sindku nforma li l-attività kienet ser tkun organizzata fl-10 ta' Marzu 2024. Huwa qal li kien hemm ilment li l-attività mhux ser issir fid-data proprja ta' San Patrizju biss l-attività li jorganizza l-Kunsill qatt ma nżammet fil-ġurnata eżatta. Huwa qal li dan kien minħabba diversi raġunijiet iżda primarjament minħabba li l-festa tiġi ċċelebrata fl-istess ħin minn lokalitajiet oħra.

## 74.11 Attivitajiet 300 Sena mit-Twelid tal-Floriana

74.11.1. Din il-materja kienet ġiet diskussa preċedentement.

## 74.12 Personaġġi Banners Ġieħ il-Floriana

74.12.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li hemm bżonn li jiġu deċiżi l-personaġġi li ser jiġu esebiti fuq banners dakinhar ta' Ġieħ il-Floriana.

74.12.2. Il-Kunsill qabel li l-amministrazzjoni għandha tiċċirkola lista ta' personaġġi li diġà kienu ġew onorati fi snin preċedenti.

74.12.3. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jinħatar bord tal-għażla li jevalwa n-nominazzjonijiet.

## 74.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

74.13.1. Il-laqgħa intemmet fit-20:20 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 14 ta' Marzu 2024 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum il-Ħamis 14 ta' Marzu 2024**

(iffirmat)
Vincent Borg
Sindku

(iffirmat)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv